MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Numru. 32/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**Patrick Mangion**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Patrick Mangion detentur tal-karta tal-identita` numru 68773(M).

Akkuzat talli fis-7 ta' Jannar 2010 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, f'diversi hinijiet gewwa Bahar ic-Caghaq l/o Naxxar u f'imkejjen ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioè talli:

1. hedded lil John Mary Borg b'xi delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid li kien bil-fomm, kien hemm ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 249(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess perjodu, hinijiet, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil John Mary Borg jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga u dan bi ksur tal-Artikolu 251 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess perjodu, hinijiet, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil John Mary Borg u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess perjodu, hinijiet, lok u cirkostanzi, l-imgieba tieghu ikkagunat biza' lil John Mary Borg li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 222 (1) u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fit-8 ta' Jannar 2010, ghall-habta tal-10:20p.m., f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) b'digriet taghha tas-5 ta' Novembru 2009 li bih inghata il-helsien mill-arrest taht garanzija li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-9:00p.m. u ma johrogx minn hemm qabel is-7:00a.m. u li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest lill-imsemmi Patrick Mangion u ghaldaqstant tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi persuna.

Il-Qorti giet mitluba wkoll, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna offiza cioè John Mary Borg jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna John Mary Borg minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni

kontra l-akkuzat skont l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti ipprezentati u x-xhieda kollha.

Rat l-ammissjoni tal-imputat Patrick Mangion ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu fl-udjenza tat-28 ta’ Mejju, 2012.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 11(1), 17(h), 249(2), 251(1), 339(e), 222(1), 251B u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u stante li t-tieni sal-hames akkuza huma mezz ghal fini tal-ewwel akkuza ssib lill-imputat Patrick Mangion hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal disa’ (9) xhur prigunerija flimkien ma’ multa ta’ hames mitt Ewro (€500) fuq l-ewwel akkuza a bazi tal-Artikolu 249(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------